**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 3 ta' Lulju 2019**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Emanuel Ellul u**

**- *Omissis* -**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Emanuel Ellul ta' 50 sena, bin Francis u Christina nee' Demicoli, imwieled tal-Pieta' fit-8 ta' Novembru 1955, residenti fl-indirizz: 17, 'Manfre', Triq G. Triganza, Luqa detentur tal-karta tal-identita numru 770955M

U lil

*Omissis*

Billi akkuzati talli:

1. Fl-1 ta' Lulju 2006 u fiz-zminijiet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda ircievew minn ghand Anthony Camilleri jew kisbu minn ghandu xi weghda li jinghataw, ghalihom jew ghal ohrajn, b'korrispittiv ghal xi self, imghaxijiet, jew xi qliegh iehor taht liema ghamla li jkun b'access minn dak li jkun permess bil-ligi.

2. Talli taht l-istess cirkustanzi wrew imgieba li biha ikkagunaw biza lil Anthony Camilleri li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra il-propjeta tieghu jew ta' membri tal-familja tieghu.

3. Talli b'hekk huma jitqiesu li saru recidivi ghat-termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gew ikkundannati ghal reati b'diversi sentenzi mill-Qrati tal-Magistrati li saru definittivi.

Lil Emanuel Ellul wahdu:

4. Talli b'hekk ukoll kiser il-kundizzjonijiet ta' probation imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fil-21 ta' Jannar 2004.

5. Talli b'hekk kiser il-provedimenti dwar sentenzi sospizi, Artiklu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq sentenza mill-Qorti tal-Magistrati tat-18 ta' Ottubru 2004.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmi Anthony Camilleri u tal-familjari tieghu, jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-istess Emanuel Ellul u lil - *Omissis* – b'obbligazzjoni tieghu inniffsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata u deciza.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li fis-seduta tat-28 ta' Ottubru, 2015,[1] l-Prosekuzzjoni talbet lil din il-Qorti tordna s-separazzjoni tal-gudizzju tal-imputat odjern, kif ukoll tal-imputat *Omissis* u l-Qorti laqghet it-talba.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fl-2006, l-Ufficjal Prosekutur ta' dak iz-zmien, l-Ispettur Joseph Cordina, kellu rapport li Anthony Camilleri kien qed jibza' minn uzuraj, tant li kien telaq mid-dar tieghu ghax kien qed jibza' minnhom.
2. Meta l-Ispettur Joseph Cordina kellem lil Anthony Camilleri qallu li kien qed jigi maghfus biex ihallas interessi ghal self li ghamel *inter alia* mal-imputat, tant li kien fittex l-ghajnuna tal-avukat tal-Agenzija Caritas.
3. Anthony Camilleri qallu li madwar tlett snin qabel hu kien issellef LM6000 minghand l-imputat. L-arrangament kien li apparti li jhallas il-kapital misluf lilu, Camilleri kellu jhallas LM6000 ohra maghhom bhala imghax – jigifieri Camilleri ried ihallas Lm12,000 ghas-LM6,000 li silef, u dan permezz ta' pagament fil-gimgha ta' LM70-il wiehed.
4. Camilleri qallu li ma kienx izomm rendikont la ta' x'hallas u lanqas ta' kemm kien ghad fadallu jhallas.
5. Camilleri qallu wkoll li kien mar ghand l-avukat sabiex il-kredituri tieghu, fosthom l-imputat, ituh ftit nifs u ma jkomplux jigru warajh, u qal li qatt ma gie mhedded mill-imputat.
6. Meta l-Ispettur irrinfaccah bil-fatt li hu kien telaq mid-dar, Camilleri kien riluttanti li jkompli jkellmu, u qallu li rranga l-pendenzi li kellu mal-imputat u ma riedx ikompli bir-rapport.

[1] Ara fol. 209 tal-process.

7. L-Ispettur baghat ghal Philip Camilleri, t-tifel ta' Anthony Camilleri, li mill-investigazzjoni irrizultalu li kien involut fis-self ta' missieru, pero dan irrifjuta li jkellmu, u qallu li jekk kien hemm xi haga, kienet xi haga privata u ma ghandu jidhol hadd fiha.
8. L-Ispettur Cordina iddecieda li jkompli jinvestiga u istitwixxa l-proceduri kriminali odjerni kontra l-imputat, peress li l-uzura hija reat prosegwibbli mill-Pulizija *ex officio*, u peress li kien tal-fehemha li Anthony Camilleri kien qed jibza' mill-imputat peress li kien fadallu jtih il-flus, u ghalhekk kien riluttanti li jaghti informazzjoni lill-Pulizija. Fix-xhieda tieghu, l-Ispettur Cordina qal li Camilleri kwazi iggieled mieghu biex ma jiehux passi kriminali kontra l-imputat.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Fl-ewwel lok, din il-Qorti trid tiddeciedi xi eccezzjonijiet preliminari li gew sollevati mid-difiza fit-trattazzjoni finali.

*L-Ewwel Eccezzjoni – In-Nullita tac-Citazzjoni stante li d-data tar-reat hija vaga*

Ghalkemm l-abbli difensur tal-imputat ma ssollevax espressment in-nullita tac-citazzjoni, huwa issottometta li hemm problema bid-data, stante li c-citazzjoni issemmi *"l-1 ta' Lulju 2006 u fiz-zminijiet ta' qabel"*, u billi din hija imputazzjoni ta' reat kriminali, c-citazzjoni trid taghti ndikazzjoni aktar preciza meta allegatament sehh ir-reat li qed jigi addebitat lill-imputat, u din id-data trid tkun wara s-sena 2002 meta s-self bl-uzura sar reat kriminali.

L-abbli difensur tal-imputat jilmenta wkoll li hemm ukoll problema dwar il-persuna tal-allegata vittma, ghax fil-waqt li c-citazzjoni tirreferi biss ghal Anthony Camilleri, meta wiehed jara l-kuntratt ta' self tad-19 t'Ottubru 2004, fl-atti tan-Nutar Peter Carbonaro, ezebit mill-Prosekuzzjoni,[2] jsib illi s-self ma sarx lil Anthony Camilleri, izda lil ibnu Philip Camilleri.

[2] A fol. 26 *et seq.* tal-process

Jibda biex jinghad li r-reat tas-self bl-uzura kontemplat fl-Artikolu 298C tal-Kodici Kriminali gie mizjud bl-Att III tal-2002, u permezz tal-Avviz Legali 94/2002 dahal fis-sehh fl-1 ta' Mejju 2002. Ghalhekk, ma hemmx dubbju li kull self bl-uzura li seta' sar qabel l-1 ta' Mejju 2002 ma jikkostitwix reat.

Pero l-ilment tad-difiza huwa li d-data fic-citazzjoni mhix preciza, ghax apparti d-data tal-1 ta' Lulju 2006 izzid il-kliem *"u fiz-zminijiet ta' qabel"* u li hemm ambigwita fil-persuna tal-parti leza, ghar-ragunijiet li inghadu aktar il-fuq.

Rigward dawn l-allegati difetti fic-citazzjoni u l-effett taghhom, il-Qorti sejra tikkwota partijiet sostanzjali mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali[3] tat-18 ta' Marzu 1955 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Spiru Spiteri**[4], li kienet tittratta talba ghal korrezzjoni fid-data tal-incident indikata fic-citazzjoni. Dan ghaliex l-insenjament taghha gie segwiet mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'diversi sentenzi sussegwenti. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet hekk:

*"Issa ic-citazzjoni fil-gudizzji sommarji, kif jirrizulta mill-gurisprudenza lokali in propozitu, giet introdotta fis-sistema kriminali patriju mis-sistema kriminali ingliz (ara deciz. Preliminari "Pulizija vs. Bartoli", App. Krim. 8.1.1938, deciz definittivament fl-4 ta' Gunju 1938); u ghalhekk il-Qrati ta' Malta segwew il-principji tad-Dritt Ingliz dwar din il-materja, senjatament il-principju bazilari, hekk espress, aktar minn sebghin sena ilu, fil-kawza "Terreni vs. Gabaretta", 17 ta' Gunju 1880, Appell Kriminali, sedenti l-President Sir Antonio Micallef:- "Che e di regola, anche nella Corte dei Magistrati della Polizia Giudiziaria come Corte di Criminale Giudicatura, che non e indispensabilemente necessario attenersi strettamente e precisamente ai termini della originaria citazione, quando anche il procedimento fosse per parte della Polizia, e che la Corte possa benissimo decidere in ogni caso pel diritto risultato dalle prove e dietro alla stessa avanzata citazione; beninteso che si debba accordare, qualora si domandi, o quando la Corte stessa lo crede necessario, un breve termine per poter il citato difendersi su di un tale risultato diritto";*

[3] *Per* Imhallef William Harding
[4] Vol. XXXIX-IV-986

*Dan il-principju ma gie bl-ebda mod alterat meta saret l-emenda fil-ligi dwar dak li ghandu jkun fiha c-citazzjoni (emendi tal-Ordinanza IX tal-1911 ghal dak li llum hu l-art. 372(2) Kap 12 Ediz. Riv.*[5]*). Tant illi fis-sistema ingliza, fejn ic-citazzjoni ghandu jkun fiha l-istess partikularitajiet kif hemm fil-Ligi Maltija (ara Stone's "Justices' Manual", Vol. II, para 77, pag. 2604-2605, Edizzjoni tal-1954), l-istess jinghad li ma hemm ebda nullita minhabba difett fic-citazzjoni, izda biss dritt ghal differiment fuq talba tal-imputat, jekk bl-izball dan seta' kien "misled" (idem, Vol. I, p. 111-112). L-istess haga qalet din il-Qorti fil-kawza "Polizia vs Ashby", 12 ta' Awissu 1917, b'dawn il-kliem "Le indicazioni ordinate coll'art. 360 delle Leggi Criminali, riferentisi alla citazione, non sono essenziali. La citazione e l'ordine della Polizia Esecutiva all'imputato di comparire in giudizio; essa non e che un modo di presentazione del giudicabile all'autorita giudiziaria, quando non sia indispensabile l'arresto. Tale e lo scopo ed il carattere essenziale della citazione, punto modificato dalla innovazione legislative nella indicazione delle particolarita della incriminazione nell'atto di citazione. Quella indicazione ha solo per oggetto di rendere l'imputato consapevole sin dal momento iniziale del procedimento penale di cioe che egli viene chiamato in giudizio a rispondere, per potersi preparare alla difesa. La citazione non si puo equiparare all'atto di accusa. Quindi le ommissioni di dette particolarita nella citazione non ne producono la nullita, potendo una tale ommissone od altro simile vizio intitolare solamente l'imputato, al bisogno, un rinvio per meglio prepararsi alla difesa."*

*L-istess gie ritenut f'dawn il-kawzi, fost ohrjan, App. Krim. "Pul. vs. Debono" 12 ta' Jannar 1918, "Carabott vs. Galea" 12 ta' Awissu 1918, "Pul vs. Carmelo Mariani" 12.6.1942. Ara wkoll decizjoni recenti ta' din i-Qorti kollegjalment komposta, "Regina vs. Cutajar, 13.12.1954;*

… …

*Lanqas hu l-kaz li jinghad li bil-korrezzjoni l-imputat seta' kien "deceived" jew "misled", jew b'xi mod pregudikat, ghax id-dettalji dwar ir-reat kontenuti fic-citazzjoni ma setghux ma jurux lill-imputat kontra liema fatt hu kellu jiddefendi ruhu. Infatti, il-bazi tal-inkriminazzjoni kienet jekk kellux jew ma kellux fil-pussess tieghu 214 il-par kalzetti*

[5] Illum l-Artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

*tan-nylon bla dazju, u kambjament tad-data ma setghax jizvijah. Fil-prim'istanza, fejn il-korrezzjoni tac-citazzjoni tista' ssir, il-pregudizzju, ghall-finijiet ta' kwistjonijiet simili, ma ghandux jigi maghmul jikkonsisti filli l-imputat ma jkunx jista' japprofitta ruhu minn zball tal-Prosekuzzjoni, imma filli genwinament, minhabba dak l-izball, hu jkun gie b'xi mod imfixkel fil-mezzi tad-difiza;*

*Lanqas ghandu jintesa li hawn si tratta, mhux ta' difett fis-sens li l-korrezzjoni kellha tikkonsisti f'kambjament tar-reat imputat, imma pjuttost ta' dik li tissejjah "variance" ghax appuntu "variance" hi deskritta fil-gurisprudenza Ingliza bhala "some difference between the allegation and the evidence, and not to a different offence (ara Martin vs. Pridgeon, 1859, 23 J.P. 630. … …"*

L-istess insenjament baqa' jigi segwit fiz-zminijiet recenti. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Glenn Debattista**, deciza fit-23 ta' Dicembru 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[6] irriteniet hekk:

*"Kif spiss gie ritenut minn din il-Qorti – u kif inhi, del resto, prassi inveterata – ir-rekwizit ta' "il-fatti tal-akkuza", imsemmija fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, ikun sodisfatt jekk il-prosekuzzjoni tuza il-kliem testwali tad-disposizzjoni tal-ligi li tohloq ir-reat li jkun qed jigi ipotizzat bl-imputazzjoni. Huwa veru li l-prosekuzzjoni setghet, ghal aktar kjarezza, tghid fl-imputazzjoni li l-att awtentiku u pubbliku in dizamina kien licenzja ta' vettura (il-kelma "licenzja" tissemma biss fit-tieni imputazzjoni); pero` tali karenza ma ggibx in-"nullita`" tal-akkuza – sia jekk tal-akkuza (jew, ahjar, imputazzjoni) per se u sia jekk tac-citazzjoni. Kif ukoll gie ritenut diversi drabi, minkejja l-emenda introdotta bl-Ordinanza IX tal-1911, ic-citazzjoni baqghet xorta wahda semplici "avviso a comparire" u mhux il-bazi tal-imputazzjoni; l-imputazzjoni tigi formalment maghmula fl-istadju kontemplat fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (i) tal-Artikolu 374 tal-Kodici Kriminali, rez applikabbli ghal proceduri ex officio bil-paragrafu (c) tal-Artikolu 375 (u fil-kaz tal-Qorti Istruttorja, meta r-rapport jigi konfermat bil-gurament fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 390(1)). L-iskop tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 hu sabiex l-imputat ikun mill-bidu nett f'posizzjoni li jkun jista jiddefendi ruhhu adegwatament, b'mod ukoll li f'kawzi sommarji huwa jressaq il-kaz u l-provi tieghu fl-istess gurnata li jitressaq*

[6] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano

*quddiem il-qorti u s-sentenza tinghata wkoll f'dik il-gurnata (Art. 377(1)). Ghalhekk, jekk "il-fatti tal-akkuza" ikunu gew redatti b'tali mod li l-imputat ma jkunx jaf b'xhiex qed jigi verament akkuzat, sia ghal dawk li huma fatti u sia ghal dik li hija ligi, huwa jista' jew igib din il-lanjanza a konjizzjoni tal-qorti sabiex il-qorti tordna lill-prosekuzzjoni tkun aktar cara jew, wara li l-prosekuzzjoni tkun ghalqet il-kaz taghha – u allura l-imputat ikun certament jaf x'inhuma l-fatti li jkunu qed jigu imputati – jitlob differiment biex ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu. Mid-diversi verbali registrati quddiem il-Qorti Inferjuri imkien ma hemm l-icken indikazzjoni li l-appellant, allura imputat, ma kienx jaf, jew ma setax ikun jaf wara d-deposizzjoni tax-xhieda principali WPS Marisa Bartolo u l-Ispettur Stephen Mallia, x'kienu l-fatti li kienu qed jigu imputati fil-konfront tieghu. Ghalhekk ukoll b'ebda mod ma jista' jinghad li l-appellant gie pregudikat fid-difiza tieghu."* (ara fl-istess sens is-sentenzi **Il-Pulizija vs Emmanuel Buttigieg** deciza fl-4 ta' Novembru 1994 u **Il-Pulizija vs Leone Agius** deciza fit-23 ta' Gunju, decizi mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri))

Inoltre fis-sentenza **Il-Pulizija vs Rita Farrugia** deciza fil-31 Mejju 2002, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[7] irriteniet hekk:

*"Issa huwa minnu wkoll li fil-kaz prezenti hu veru li fic-citazzjoni ma hemmx indikat iz-zmien li fih sar l-allegat reat mill-appellanti w lanqas ma hemm xi indikazzjoni taz-zmien meta dan l-allegat reat kontinwat gie skopert u mwaqqaf. Hi l-fehma tal-Qorti li f'dan il-kaz, l-eccezzjoni li qed tissolleva l-appellanti kellha taghmilha 'in limine litis' quddiem l-ewwel Qorti, dan ghaliex mill-atti ma jirrizultax li din il-kwistjoni qatt tqajjmet mill-appellanti quddiem dik il-Qorti fl-istadji kollha ta' dawn il-proceduri kemm damu quddiemha. Dan ifisser li l-appellanti ma tistax issa tigi tqajjem ghall-ewwel darba din il-kwistjoni quddiem din il-Qorti bhala wahda mill-aggravji taghha kontra s-sentenza tal-ewwel Qorti. Hi kellha tqajjem din l-eccezzjoni quddiem l-ewwel Qorti appena inqratilha l-akkuza w dik il-Qorti kienet taghti l-provvediment taghha relattiv. ... ...*

*Barra minn hekk, imkien ma jirrizulta mill-atti li l-appellanti ma setghetx tiddefendi ruhha kontra l-akkuza migjuba kontriha minhabba n-nuqqas tar-rekwizit tad-data fic-citazzjoni. Jirrizulta car mill-provi li anke mill-ewwel seduta quddiem l-ewwel Qorti kien*

[7] *Per* Imhallef Patrick Vella.

*gie maghruf liema kien iz-zmien jew data in kwistjoni w li kienet qed tirreferi ghalih l-akkuza, u, fil-fatt, l-appellanti, ghalhekk ikkontestat l-akkuza w anke gabet il-provi relattivi taghha li jirreferu ghal dan iz-zmien jew data rizultanti mill-provi."*

L-istess jista' jinghad ghal kaz odjern. Huwa ovvju li anke mill-ewwel seduta, l-imputat, debitament assistit mill-avukat difensur tieghu, kien ben konsapevoli tal-imputazzjonijiet li kienu qeghdin jigu imputati lilu. In fatti, l-imputat ikkontesta l-imputazzjonijiet, u waqt l-ezami wiegeb li ma kienx hati. Dak in-nhar xehed ukoll fit-tul, l-Ufficjal Prosekutur dwar l-investigazzjoni tieghu. Matul il-proceduri, d-difiza ghamlet il-kontro-ezami lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u l-imputat offra li jaghti d-deposizzjoni tieghu, li kienet wahda twila, li fiha ta l-verzjoni tieghu tal-fatti, li fiha anke spjega meta sar is-self u li kien kuntent li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu gie iffirmat minn Philip Camilleri biss, u mhux ukoll minn missieru Anthony Camilleri, ghalkemm id-dejn kien tat-tnejn li huma.[8] Fit-trattazzjoni orali, d-difiza ghamlet ukoll sottomissjonijiet fuq l-mertu tal-imputazzjonijiet. Fl-ebda stadju ta' dawn il-proceduri, fejn il-gbir tal-provi ha kwazi hdax (11)-il sena, ma giet sollevata mid-difiza l-kwistjoni li d-data tal-imputazzjoni kienet vaga u/jew li l-imputat ma kienx jaf, jew li ma setghax ikun jaf, totalment jew parzjalment il-fatti li kienu qieghdin jigu imputati lilu, jew li b'xi mod id-dritt tieghu li jiddefendi ruhu kien qieghed jigi ippregudikat.

Inoltre mill-konteggi li l-imputat stessipprezenta jirrizulta li l-ewwel hlas fuq dan is-self sar fis-16 ta' Jannar 2004,[9] u l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu gie iffirmat fid-19 ta' Ottubru 2004. Ghalhekk ma jistghax ikun hemm dubbju li ftehim fuq dan is-self mertu tal-kawza odjerna sar wara l-1 ta' Mejju 2002, id-data li fiha l-Artikolu 298C tal-Kodici Kriminali, li irrenda s-self bl-uzura reat dahal fis-sehh.

Ladarba d-dritt tal-imputat li jiddefendi ruhu ma gie bl-ebda mod pregudikat bin-nuqqasijiet ta' precizazzjoni fic-citazzjoni, la l-ewwel imputazzjoni u wisq inqas ic-citazzjoni ma jistghu jitqiesu bhala invalidi, u s-sottomissjonijiet tad-difiza fir-rigward qed jigu rigettati.

[8] Ara fol. 135 tal-process.
[9] Ara fol. 24 tal-process.

*It-Tieni Eccezzjoni – L-Inammissibilita tal-istqarrija tal-Imputat*

Fit-trattazzjoni orali l-abbli difensur tal-imputat talab li l-istqarrija tal-imputat tigi skartata stante li din ittiehdet fi zmien meta l-ligi Maltija ma kienitx tippermetti l-assistenza legali qabel l-interrogatorju. Ghalkemm l-imputat ghazel li joffri d-depozizzjoni tieghu f'dawn il-proceduri, huwa ma ikkonfermax l-istqarrija tieghu bil-gurament.

In vista tal-fatt li meta ittiehdet din l-istqarrija l-imputat ma kellux access ghal avukat qabel l-interrogatorju, fil-konsiderazzjonijiet taghha hija sejra tiskarta l-istqarrija tal-imputat u dak kollu li xehed l-Ufficjal Prosekutur Joseph Cordina dwar dak li li qallu l-imputat qabel u waqt l-interrogatorju, u dan konformi mal-insenjament tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza taghha **Mario Borg vs Malta**, deciza ft-12 ta' Jannar 2016.

*Il-Mertu*

Mill-provi irrizulta ampjament li Anthony Camilleri u ibnu Philip Camilleri kienu jissellfu regolarment il-flus minghand l-imputat. Ghalkemm id-difiza ghamlet riferenza ghal fatt li r-raguni jew ragunijiet precizi ghal dan is-self ma jirrizultawx sufficjentement mill-provi, fl-opinjoni tal-Qorti ir-raguni ghalfejn kienu jissellfu l-flus hija irrelevanti – il-fatt jibqa' li mhux kontestat lanqas mid-difiza li huma kienu jissellfu l-flus minghand l-imputat. Il-punt kardinali hu li jrid jigi deciz huwa jekk meta sar is-self mertu tal-kawza odjerna, l-imputat esigix imghax oghla minn dak permessibbli skond il-ligi civili – u cioe bit-tmienja fil-mija (8%).

Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti,[10] Anthony Camilleri xehed li hu issellef xi tminn darbiet minghand l-imputat circa fl-2004, u fl-ammont globali ta' circa LM12,000. Hu xehed li hu kien hallas xi LM11,000. Pero ma kellux karti miktubin ta' x'hallas, ghax l-imputat ma kienx itih ircevuti u hu ma jafx jikteb u jaqra. Hu jghid li l-imputat ried jaghmel kuntratt ghand nutar ta' kostituzzjoni ta' debitu, li fih tnizzel li l-ammont dovut

[10] Ara fol. 58 *et seq.* tal-process

kien ta' LM16,000, ghax l-imputat zied LM4000 imghax mal-kapital. Pero l-kuntratt gie iffirmat mit-tifel tieghu Philip biss, u r-raguni li ta ghal dan huwa li hu ghandu l-eta.

Anthony Camilleri jghid li l-imputat kien mar isawwtu darbtejn ghaliex ma kienx ghamel il-pagamenti kull gimgha. Jghid ukoll li gieli ma kienx imur jaghmel ix-xoghol tieghu ta' parker il-Belt Valletta, ghaliex jibza' li l-imputat imur isawwtu.

Effettivament skond il-kuntratt ippubblikat min-nutar Dottor Peter Carbonaro fid-19 ta' Ottubru 2004,[11] l-ammont indikat bhala dovut huwa ta' LM12,000, *"rapprezentanti diversi prestiti brevi manu maghmula sad-data tal-lum stess u mhux imhallsa."* Dan l-ammont kellu jithallas b'rati ta' LM50 fil-gimgha, minghajr interessi, hlief f'kaz ta' morosita, meta d-debitur jitlef il-modalita tal-pagament u l-ammont kollu jsir restitwibbli minnufih. In garazija ta' dan is-self, Philip Camilleri ta' ipoteka generali fuq hwejjgu, kif ukoll obbliga ruhu li jekk ikun hemm morozita, jirritorna il-permessi tal-parking ghal vetturi privati li kellu fil-Belt Valletta.

Philip Camilleri, it-tifel ta' Anthony Camilleri xehed[12] li hu u missieru kienu ssellfu LM10,000 minghand l-imputat circa s-sena 2003, u dawn il-flus haduhom fi tlett darbiet. Hu xehed li kienu diga hallsuh LM16,000 fuq medda ta' hames (5) snin, u ma kienx jaf kemm kien ghad jonqos ituh fuq dawn l-LM10,000, ghax ma kienux izommu rendikont. Pero jghid li l-imputat qal lil missieru li kien jonqoshom ituh xi LM6000 ohra, u dan fiz-zmien li missieru ghamel ir-rapport lill-Pulizija. Philip Camilleri jghid li ghand in-nutar kienu kitbu li kellu jaghtih xi LM16,000.

Philip Camilleri xehed li darba l-imputat tah xebgha tajba bil-ponn u bis-sieq ghax ma kienux hallsuh. Jghid li hu u missieru ghamlu zmien jorqdu ghand *Omissis,* peress li ma kienux qed ihallsu lill-imputat. Philip Camilleri jghid ukoll li f'okkazzjoni ohra, l-imputat mar ihabbat id-dar ta' missieru ghax ma kienux hallsu, u meta ndunaw li kien l-imputat, hu qabez mit-tieqa biex ma jarahx, u missieru, cioe Anthony Camilleri fetah il-bieb, u l-imputat tah daqqa ta' ponn u tefghu mal-art. L-imputat ra c-cwievet tal-karozza ta' Philip fuq is-sottospecchio u hadhom flimkien mal-karozza. Philip Camilleri jghid li hu mar jissellef LM1,200 minghand *Omissis* u tahom lill-imputat biex jaghtih lura l-karozza.

[11] Ara fol. 26 *et seq.* tal-process
[12] Ara fol. 69 *et seq.* tal-process

Jghid li huma ghamlu r-rapport lill-Pulizija ghax xebghu jorqdu barra u ma jmorrux ghax-xoghol ghaliex meta ma kienux ituh pagamenti, kien jigi isawwathom, u huma t-tnejn jahdmu flimkien bhala parkers.

L-imputat xehed li Anthony u Philip Camilleri kienu ilhom jisilfu l-flus minghandu minn circa l-2001. Fil-bidu ma kienx hemm problem dwar hlasijiet ta' self. Hu xehed li fuq l-ammont in kwistjoni kien sellifhom, lit-tnejn li huma, LM16,000 fuq medda ta' zmien. Hu kien inizzel id-data ta' meta kienu jhallsuh fuq karta, u dawn il-karti gew esebiti f'dawn il-proceduri[13]. Skond dawn il-karti l-ewwel pagament jidher li sar fis-16 ta' Jannar 2004. Fuq dawn il-karti hemm ukoll indikati dati li fihom kellu jsir hlas u ma sarx. Peress li ghamlu zmien ma jhallsux, l-imputat qal li ddecieda li ried jaghmel kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, li effettivament sar ma Philip Camilleri biss, ghalkemm id-dejn kien kemm ta' Philip Camilleri kif ukoll ta' missieru, u dan jikkonfermah ukoll il-fatt li fuq il-karti li l-imputat kien izomm rendikont tad-dati meta kellhom isiru l-hlasijiet hemm indikat fuq *"Tufa u missieru £16,000 £50 per week".*[14] Huma kienu suppost ihallsu LM50.00 fil-gimgha. Sa dak in-nhar tal-kuntratt kienu fadlilhom ituh xi haga fuq LM9,000, u hu ikkalkula li biex ihallsuh fuq medda ta' hames (5) snin bl-imghax bit-8% kien hemm xi LM3000. Dawn it-LM3000 imghax ziedhom mad-LM9,000 li fadlilhom ituh, u fil-kuntratt tnizzel li ghandu jithallas l-ammont globali ta' LM12,000 minghajr interessi.

L-imputat jghid li ma jafx ghalfejn Anthony Camilleri irrappurtah lill-Pulizija ghax kienu hbieb. Hu xehed hekk *"Gieli darba minnhom qalli, qalli lanqas hobz m'ghandi x'niekol. Tajtu x'jghidulu u cornbeef, u gieli wassaltu Haz-Zebbug."*[15]

In kontro-ezami, l-imputat qal li hu dejjem kien isellef lil Anthony Camilleri bl-imghax bit-8%, pero qabel sar il-kuntratt ta' Ottubru 2004, kien hemm okkazjonijiet meta Camilleri minn jeddu kien joffrilu imghax ghola – anke Lm150 ghal LM1000 li kien jisilfu – jigifieri b'rata ta' imghax ta' 15%, u hu kien jaccetta. Iktar tard fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid li hu ma kienx jitolbu interessi lil Camilleri, izda Camilleri kien jghidlu li jekk isellfu Lm100, kien itih Lm200 fuqhom, u hu kien jaccettahom.

[13] Ara fol. 24 tal-process.
[14] Ara fol. 24 tal-process.
[15] Ara fol. 135 tal-process.

L-imputat cahad li hu xi darba sawwat lil Anthony Camilleri, pero ammetta li Camilleri kien jghid li jibza' minnu. Jghid li darba mar id-dar ta' Anthony Camilleri ghal flus, u Camilleri ma fetahlux, u l-flus taghomlu b'karti ta' LM2.00 minn gol-letter box. Pero l-imputat baqa' jinsisti li ma jafx ghaliex Camilleri kien jibza' minnu. Jghid ukoll li darb'ohra mar ghand Anthony Camilleri, u kien hemm Philip li harab, u hu l-imputat ha c-cwievet tal-karozza ta' Philip, u zammhom ghandu sakemm Philip gablu l-flus.

L-imputat xehed ukoll li fil-mori ta' dawn il-proceduri – u cioe f'Awwissu u Settembru 2011 - hu kien kiteb permezz tal-avukat difensur tieghu lil Philip Camilleri sabiex ihallsu l-ammont ta' €22,245.52c (ekwivalenti ghal Lm9,550), bilanc ta' somma akbar dovuta minnu skond il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-2004.[16] Huwa ezebixxa rendikont tal-hlasijiet li ghamel Philip Camilleri minn Dicembru 2011 sa April 2013. Effettivament l-imputat rega' tela' jixhed u qal li Philip Camilleri kien jonqsu jhallsu xi Lm6000, u kien hallashom kollha. Fil-fatt mir-rendikont ezebit mill-imputat jirrizulta li Philip Camilleri hallsu Lm6300.[17] Pero l-imputat jghid li ma tahx ircevuta, ghax *"hu kien ragel bizzejjed li jigi bihom u jien kont ragel bizzejjed, ghidtlu "Lesti". Voldieri dan mhux ser nerga' nehodlu flus."*[18]

Dottor Peter Borg Costanzi xehed li hu jaghti servizz volontarju lill-Agenzija Caritas fi hdan il-Fondazzjoni ghall-vittmi tal-uzura, u li kien kellmu darba jew darbtejn Anthony Camilleri, pero ma ftakarx meta. Dottor Borg Costanzi xehed li Camilleri kien allega li n-nies li ghandhom jiehdu l-flus minghandu qed jhedduh u qed jibza', pero Dottor Borg Costanzi ma ftakarx min kienu dawn in-nies. Pero qal li Camilleri kien juri sinjali ta' bniedem imbezza'.[19]

L-ewwel imputazzjoni kontra l-imputat huwa tar-reat kontemplat fl-Artikolu 298C (1) tal-Kodici Kriminali li jippreskrivi hekk:

*"Kull min jircevi minghand xi hadd iehor jew jikseb minghand xi hadd iehor xi weghda li jinghataw, lilu jew lil ohrajn, b' korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet jew xi qliegh iehor taht liema ghamla jkun b' eccess minn dak li jkun permess bil-ligi, jehel meta jinsab hati ,*

[16] Ara fol. 152 u 153 tal-process.
[17] Ara fol. 154 tal-process.
[18] Ara fol. 173 tal-process.
[19] Ara fol. 106 tal-process.

*il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tmintax il-xahar u ghall hlas ta' multa…."*

Ghalhekk, l-uniku element mehtieg fil-ligi taghna ghal dan ir-reat ta' uzura hu li dak li jkun jikseb weghda li jinghataw b' korrispettiv ta' self, imghaxijiet jew xi qliegh iehor b' eccess ta' dak li jkun permess mill-ligi.

Dan l-eccess jitkejjel fuq dak li jipprovdi l-artikoli 1139 u 1852 tal-Kodici Civili li jipprovdi ghal rata ta' 8%. Hemm ukoll l-artikolu 1854 tal-Kodici Civili li jiddisponi li fejn ir-rata tal-imghax ma tkunx giet miftehma, l-imghax ghandu jitqies bil-5%. Ghal dan il-principju hemm xi eccezzjonijiet li fiz-zmien kontemplat fic-citazzjoni kienu fl-Artikolu 1852 tal-Kodici Civili u li bl-Att III tal-2009 gew abrogati u inkorporati f'diversi ligijiet ohra li japplikaw fil-kazijiet ta' banek, meta jinhargu bonds ghall-pubbliku, eccetera, fejn ikun permess li dak li jkun jintrabat ghall-hlas ta' imghax ta' aktar minn 8%, li pero' kjarament mhumiex rilevanti ghall-kaz in dizamina.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs George Xuereb** deciza fil-15 ta' Jannar 2009, li kienet titratta wkoll allegazzjoni ta' uzura, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[20] ghamlet dawn l-osservazzjonijiet:

*"Issa fil-kaz in ezami din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi traskritti fil-process u rrizultalha li hi ferm aktar verosimili l-versjoni ta' Muscat li s-self massicc li kien qed isir kien qed jinghata versu korrispettiv u mhux gratis et amoris kif jallega l-appellant. Hadd f' sensieh ma jislef flejjes f' dawk l-ammonti lill-persuna li jkun jaf li hija midjuna serjament ma terzi, bla ebda garanzija w minghajr korrispetiv. Ghalkemm mill-provi ma jirrizultax li tali korrispettiv kien ha l-forma ta' rata ta' imghax fiss in eccess ghal dak permess mil-ligi, jidher li dan ha forma li solitament u komunement jiehu f' kazijiet ta' self bl-uzura w cioe' fejn, meta jinghata ammont b' self dan mal-ewwel jinkiteb f'ammont doppju b'mod li jigi jidher li l-ammont misluf ikun wiehed fiss u bla ma jissemma xi imghax ghalkemm dan l-ammont ikun fittizju ghax fih ikun jinkludi kemm il-kapital li jrid jithallas lura kif ukoll il-korrispettiv eccessiv li jigi immaskrat b' dan il-mod, f' kaz li wara jinqala' l-inkwiet bejn il-mutwant u l-mutwatarju. … …*

[20] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.

*Issa f' kazijiet bhal dawn hu car u manifest li jkun hemm allura korrispettiv jew qliegh iehor b' eccess minn dak massimu ta' imghax ta' 8% permess mill-ligi. Dan ghaliex ghax b' simple interest biex b'rata ta' 8% per annum tilhaq l-ammont tal-kapital, trid mill-inqas tnax il-sena w nofs. Invece, bl-espedjent appena deskritt, tali korrispettiv isir dovut minnufieh. Ergo dak li bil-ligi ma jkunx dovut qabel tnax il-sena w nofs bir-rata massima tal-imghax legali, jigi dovut u ezigibbli minnufieh. Dan certament jinkwadra ruhu fl-element materjali tar-reat kif espress b' mod car fil-ligi taghna.*

*Lanqas hu korrett l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu meta jissottometti li biex jissussisti dar-reat ta' uzura hemm il-bzonn ta' xi intenzjoni specifika diretta li l-mutwant ikun irid jghakkes u jisfrutta lill-mutwatarju jew li jrid jiehu vantagg mill-pozizzjoni finanzjarja mwieghra tieghu. Kull ma hu mehtieg hu li l-mutwant jkun konsapevoli tal-fatt li qed jislef flus versu korrispettiv, imghax jew qliegh iehor li jkun in eccess ghal dak permess mill-ligi. Evidenza ta' din l-intenzjoni tista' tigi prezunta minn atti li jkunu jindikaw li qed tinheba l-vera portata w in-natura tas-self u l-korrispettiv, bhal ma jirrizulta li kien qed isir f' dan il-kaz, bil-mod fuq deskritt. Lanqas ma hu mehtieg li jigi pruvat li jkun il-mutwant li jkun ghamel xi pressjoni fuq il-mutwatarju biex jidhol ghal dak is-self abuziv. Bizzejjed li jkun hemm l-accettazzjoni tat-tnejn."*

A skans ta' kull ekwivoku, din il-Qorti trid taghmilha cara li billi l-Artikolu 298C li ghamel is-self bl-uzura reat dahal fis-sehh fl-1 ta' Mejju 2002, kif diga inghad, u billi skond ix-xhieda tal-imputat, hu beda jsellef lil Anthony u Philip Camilleri sa minn circa l-2001, hija se taghti l-beneficcju tad-dubbju lill-imputat dwar d-diversi self li tahom qabel dak li hu jghid li tahom ta' Lm16,000, stante li s-self l-iehor seta' sar qabel l-1 ta' Mejju 2002. Pero ghalkemm fix-xhieda tieghu l-imputat jghid li hu sellifhom Lm16,000 *"matul iz-zmien",* din il-Qorti m'ghandhix dubbju li dan is-self sar wara l-1 ta' Mejju 2002, u dan stante li fir-rendikont tal-hlasijiet li hu kien izomm,[21] l-hlasijiet bdew isiru fis-16 ta' Jannar 2004. Certament m'hux verosimili li l-imputat kien se jhalli aktar minn sena u nofs jghaddu mid-data ta' self, qabel ma jibda jigbor flusu lura.

[21] Ara fol. 24 tal-process

Dan ir-rendikont huwa maghmul minn erba' faccati zghar bid-dati imnizzlin ta' meta kienu dovuti l-pagamenti, u jekk thallsux jew le. Pero wara li din il-Qorti fliet bir-reqqa dawn l-erba' faccati irrizultalha li tnejn minhom jibdew mis-16 ta' Jannar 2004 u jieqfu fil-21 ta' Ottubru 2005, u t-tnejn l-ohra jergghu jibdew mis-16 ta' Jannar 2004 u jieqfu fid-9 ta' Gunju 2006. Fl-ewwel sett ta' karti hemm xi dati li huma identici u cioe dawk bejn is-26 ta' Novembru 2004 u t-18 ta' Marzu 2005. It-tieni sett ta' karti huwa repetizzjoni tal-ewwel sett pero miktubin b'mod iktar pulit u leggibbli, u jibqghu mis-16 ta' Jannar 2005 u jibqghu sejrin sad-9 ta' Gunju 2006. Fuq nett tal-ewwel karta tal-ewwel sett hemm miktub *"TUFA PH. 1600 for 50 per week"* u fl-ahhar ta' din il-karta hemm il-kliem *"PAID 3100"*. Fuq nett tal-ewwel karta tat-tieni sett hemm imnizzel *"TUFA U MISSIERU £50 per week £16000"*. Fl-ahhar nett tal-karta hemm miktub *"3100 + 3200 = 6300."* Mill-provi jirrizulta li "Tufa" huwa l-laqam tal-familja Camilleri.

Ghalkemm hu minnu li Anthony Camilleri u Philip Camilleri kienu imprecizi fl-ammonti li huma issellfu minghand l-imputat, fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-versjoni taghhom hija aktar kredibbli minn dik tal-imputat, stante li l-versjoni tieghu m'hix verosimili u ma tikkonvincix, lanqas sal-grad tal-probabbli. L-imputat kien ben konsapevoli li Anthony Camilleri u Philip Camilleri kellhom problemi finanzjari kbar. Fil-fatt hu stess xehed li fil-bidu li beda jsellifhom – circa l-2001 – kienu jhallsu lura fil-hin. L-imputat jghid hekk *"Ghal bidu kont intihom xi haga hekk u <u>jergghu jigu u jigu, dejjem jigu kienu.</u>"*[22] (sottolinear ta' din il-Qorti). Kien jaf ukoll li l-imputati kienu jahdmu ta' parkers il-Belt Valletta, u mill-provi jirrizulta li dan kien l-uniku introjtu taghhom, u l-imputat ma ghamel l-ebda allegazzjoni li kellhom xi introjtu iehor. L-imputat stess xehed li kienu jghidulu biex isellifhom ghal diversi ragunijiet, fosthom anke ghax kellhom jaghtu lil haddiehor.[23] L-imputat xehed ukoll li darba minnhom Anthony Camilleri qallu li ma kellu lanqas hobz biex jiekol, u hu tah jiekol. Min-naha l-ohra, fl-att ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-2004, l-imputat iddikjara li mhux impjegat ghax fil-kuntratt jinghad li hu *"bla mestier"*.

Minkejja li l-imputat, persuna bla mestier, kien konxju ta' dawn il-fatti kollha, huwa sellifhom inizzjalment is-somma sostanzjali ta' Lm16,000 milli jidher *prima facie* minghajr korrispettiv – ghax l-imputat la jsemmi imghax fir-rendikont, u lanqas fix-

[22] Ara fol. 130 tal-process.
[23] Ara fol. 131 tal-process.

xhieda tieghu. Certament li dan m'ghandux mis-sewwa. Hadd f'sensieh ma jislef flejjes f'dawk l-ammonti lill-persuni li jkun jaf li ghandhom problemi finanzjarji, inkluz djun ma terzi, bla ebda garanzija u minghajr korrispettiv. Skond ix-xhieda tieghu stess, huwa talabhom, jew ahjar ordnalhom, biex jiffirmaw att pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu biss meta ma bdewx ihallsuh kull gimgha kif kienu miftiehmin.

Ghalkemm hu minnu li fix-xhieda taghhom Anthony Camilleri u Philip Camilleri kienu imprecizi fl-ammonti li huma issellfu minghand l-imputat, fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-verzjoni taghhom hija hafna aktar verosimili. In-nuqqas ta' precizjoni fl-ammonti li issellfu minghand l-imputat hija facilment attriwibbli ghas-segwenti ragunijiet:

1. li huma kienu jissellfu b'mod regolari minghandu, ma kienux izommu konteggi,
2. kienu imbezzghin hafna mill-imputat, tant li l-Ufficjal Prosekutur xehed li Anthony Camilleri kwazi iggieled mieghu biex ma jiehux passi kontra l-imputat, u Philip Camilleri ma riedx jitkellem mal-Ufficjal Prosekutur;
3. Minkejja li fil-bidu ta' dawn il-proceduri, l-imputat intrabat b'garanzija li ma javvicinax lil Anthony Camilleri jew lil qrabatu sakemm jintemmu dawn il-procedeuri,[24] fil-mori ta' dawn il-proceduri, addirittura fil-bini tal-Qorti, hu talab il-flus lil Anthony Camilleri.[25] Xi snin wara hu baghat ittra permezz tal-avukat tieghu Philip Camilleri, sabiex ihallsu l-ammont li kien fadallu jtih skond il-kuntratt, meta l-imputat kien ben konsapevoli li d-dejn kien kemm ta' Philip kif ukoll ta' missieru Anthony, u Philip Camilleri hallsu. Fil-fatt il-konteggi li ezebixxa tal-pagamenti li ghamel Philip fil-mori ta' dawn il-proceduri huma intestati *"PHILIP U MISSIERU".*[26] Ghalhekk, huwa car li anke kemm qabel infethu dawn il-proceduri, kif ukoll wara l-imputat kien qed jezercita pressjoni fuq Anthony u Philip Camilleri biex ihallsu l-bilanc ta' circa LM6000.[27]

Min-naha l-ohra, minkejja li fix-xhieda tieghu l-imputat jipprova jaghti l-impressjoni li kien izomm il-konteggi ezatt ta' x'qed ituh, il-figuri ma jaqblux lanqas. Fix-xhieda tieghu hu jghid li silifhom brevi manu LM16,000, u sa qabel il-kuntratt kienu hallsuh circa LM6,300.[28] Ghalhekk huma kellhom ituh xi LM9,000. L-imputat jghid li fuq dan l-ammont zied is-

[24] Ara fol. 11 u 62 tal-process.
[25] Ara verbal a fol. 83 tal-process.
[26] Ara retro vol. 154.
[27] Ara xhieda tal-imputat a fol. 172-173 tal-process.
[28] Ara fol. 132 tal-process.

somma ta' LM3,000 ohra, rapprezentanti l-imghax bit 8% fuq hames snin, u gie l-ammont ta' LM12,000, li tnizzel bhala l-ammont dovut, bla imghax, fil-kuntratt li sar ma' Philip Camilleri.[29] Jekk wiehed jara l-konteggi ezebiti mill-imputat stess jirrizulta li mis-16 ta' Jannar 2004 sad-19 ta' Ottubru 2004, Anthony Camilleri u ibnu kienu hallsuh is-somma ta' LM1,700, b'pagamenti fil-gimgha ta' LM50.00, u mhux ta' LM6,000, kif qed jghid l-imputat. F'dawn il-konteggi li jibdew mis-16 ta' Jannar 2004, ma hemm l-ebda riferenza ghal imghax. Min-naha l-ohra, fl-ittra interpellattorja li baghat l-avukat difensur tal-imputat lil Philip Camilleri, biex ihallsu l-ammont bilancjali minnu dovut a bazi ta' kuntratt, jinghad li ghad fadal bilanc ta' LM9,550.[30] Pero l-imputat xehed li Philip Camilleri kien hallsu – fil-mori ta' dawn il-proceduri - l-ammont ta' circa LM6,000, li kien fadallu jtih,[31] u ma kien fadallu jtih xejn izjed!!! Jekk wiehed jipprova jirrikoncilja l-matematika tal-imputat sabiex jiggusitifika l-ammonti dovuti lilu, ma hu se jaqbel qatt. Dan apparti l-fatt li mkien ma jghid li hu ftiehem il-mod kif ikkomputa l-imghax ta' LM3,000 ma' Philip Camilleri u/jew missieru, u jekk dan l-imghax kienx diga qed jithallas a scalletta jew fl-ahhar ta' kull sena jew wara hames (5) snin. Wiehed irid ukoll izomm quddiem ghajnejh li ai termini tal-Artikolu 1854 tal-Kodici Civili, fejn l-imghax ma jkunx gie miftiehem espressament, ir-rata li ghandha tintuza hija dik ta' 5% u mhux 8%. Fi kliem iehor, il-verzjoni tal-imputat hija mill-bidu sal-ahhar inattendibbli.

Din il-Qorti m'ghandhix dubbju li l-imputat kien silef somma lil Anthony Camilleri u lil ibnu bl-uzura, bl-ispedjent li s-soltu jsir li jinzied l-imghax mal-kapital. Id-diffikulta li ghandha l-Qorti hija kemm kien l-ammont ta' kapital originarjament misluf, ghax fix-xhieda tieghu Anthony Camilleri jghid li ssellef LM12,000, it-tifel tieghu Philip jghid li issellfu LM10,000. It-tnejn xehdu li fil-kuntratt tnizzel li kien dovut l-ammont ta' LM16,000, meta fil-verita l-ammont indikat bhala dovut fuq dan il-kuntratt huwa ta' LM12,000.

Tenut kont tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, u specjalment tal-biza li Anthony Camilleri u ibnu Philip ghandhom mill-imputat, il-Qorti hija tal-fehma li l-iktar verzjoni verosimili hija dik li ta Anthony Camilleri l-ewwel darba li kellem lill-Ispettur Joseph Cordina – u cioe li kien issellef minghand l-imputat LM6,000 u l-arrangament kien li kellu jhallas din is-somma shiha u LM6,000 ohra maghhom bhala imghax, total ta' LM12,000, b'pagamenti kull gimgha

[29] Ara fol. 133-134 tal-process.
[30] Ara fol. 153 – 155 tal-process.
[31] Ara fol. 172-173 tal-process.

ta' LM70.[32] B'hekk is-somma ta' LM12,000 fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tigi taghmel sens. Fix-xhieda taghhom quddiem din il-Qorti, Anthony Camilleri u ibnu ziedu l-ammont ta' kapital, biex jippruvaw inaqqsu r-rata ta' imghax inawdita li kien qed izommilhom l-imputat, minhabba li kienu jibzghu minnu. Fil-fatt, il-Qorti hija konvinta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-imputat kien sellef is-somma ta' LM6000 bl-imghax bil-mija fil-mija kontra d-dispost tal-Kodici Kriminali, u meta jonqsu minn xi pagament kien imur mhux biss jheddihom imma anke jsawwathom.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat gew debitament ippruvati.

Rigward it-tielet imputazzjoni, u cioe dik tar-recidiva, din tirrizulta mis-sentenzi ezebiti mill-Prosekuzzjoni.

Ir-raba' imputazzjoni, cioe dik ta' ksur ta' ordni ta' liberta kondizzjonata (u mhux ordni ta' probation kif erronjament indikat fic-citazzjoni) tirrizulta mis-sentenza ezebita moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fil-21 ta' Jannar 2004,[33] fejn l-imputat kien instab hati ta' serq aggravat bil-valur u bil-mezz. Huwa vera li fic-citazzjoni l-ordni huwa indikat hazin, pero s-sentenza giet debitament ezebita, u ghalhekk ma hemm l-ebda ekwivoku ghal liema ordni l-Prosekuzzjoni qed tirreferi f'din l-imputazzjoni.

Il-hames imputazzjoni, u cioe dik li gie kommess reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' sena habs sospiza ghal sentejn, giet debitament ippruvata bis-sentenza ezebita ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-18 t'Ottubru 2004,[34] u bil-fatt li l-imputat instab hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet fil-kawza odjerna.

## Kunsiderazzjonijiet dwar Piena

Mill-fedina penali aggornata tieghu, jirrizulta li l-imputat ghandu ghaxar (10) kundanni minn dawn il-Qrati: erba' (4) kundanni ta' disturb tal-paci pubblika u theddid, kundanna talli

[32] Ara fol. 15 tal-process.
[33] Ara fol. 33 *et seq.* tal-process.
[34] Ara fol. 33 tal-process.

ingurja u hedded ufficjal tal-Pulizija, kundanna talli kiser il-ligijiet tas-sewqan, zewg kundanni talli kiser il-ligijiet dwar il-kacca, kundanna ghal serq aggravat, kundanna ghal ricettazzjoni u zewg kundanni talli kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar minghajr licenzja tal-Pulizija. Ghal dawn ir-reati inghata diversi pieni pekunjarji, diversi ordnijiet ta' liberta kondizzjonata, u sentenza sospiza. Pero l-imputat ma gharafx juzufruwixxi ruhu mill-opportunitajiet li tawh dawn il-Qrati sabiex jitbieghed mit-triq tal-kriminalita.

Ikkunsidrat ukoll li minkejja li l-imputat kellu divjet fuqu impost minn din il-Qorti sabiex pendenti dawn il-proceduri ma javvicinax lil Anthony Camilleri u lanqas lil qrabatu, huwa xorta interpella lil iben Anthony Camilleri, Philip Camilleri sabiex ihallas l-ammont minnu pretiz fuq l-att ta' kostituzzjoni ta' debitu – liema jifforma parti integrali mill-mertu ta' dawn il-proceduri – u rnexxielu jottjeni l-pagament minnu pretiz, minkejja li f'dawn il-proceduri kien qieghed jigi allegat – u effettivament gie pruvat - li dan l-ammont kien vizzjat minhabba l-uzura.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li piena karcerarja effettiva hija l-piena idonea. Fi kwalunkwe kaz, fil-kaz odjern, il-Qorti hija prekluza mill-Artikolu 28A(7)(b) u (c) tal-Kodici Kriminali milli taghti sentenza ta' habs sospiza, stante li l-imputat instab hati wkoll li hu recidiv u r-reati gew kommessi fil-perjodu operativ ta' liberazzjoni taht kondizzjoni.

Ghar-rigard ta' dak li jiddisponi l-artikolu 298C(5) tal-Kodici Civili, ghalkemm certament gie ppruvat li l-imputat ircieva ammont ta' imghax b'eccess minn dak permess skond il-ligi, mill-provi akkwiziti, il-Qorti ma setghetx tistabbillixxi l-ammont ta' imghax li legalment kien intitolat ghalih l-imputat, stante li jirrizulta li s-self ta' LM6000 ma sarx f'data wahda, izda sar f'diversi self ta' somom izghar u ma jirrizultax id-dati precizi meta sar dan is-self, jirrizulta li l-ewwel somma saret lejn il-bidu tas-sena 2004 jew lejn l-ahhar tas-sena 2003. Lanqas jirrizulta xi ftehim sar ma' Anthony Camilleri u/jew Philip Camilleri dwar it-terminu preciz tal-hlas ta' dan is-self. Inoltre, irrizulta li Philip Camilleri kompla jhallas l-ammont dovut minnu u minn missieru anke pendenti dawn il-proceduri. Konsegwentement, il-Qorti ma setghetx tiddetermina l-eccess tal-imghax li thallas lill-imputat, sabiex tordnalu jirrifondihom lil Anthony Camilleri.

Il-Qorti trid titratta wkoll mal-imputat talli kiser l-ordni ta' liberta kondizzjonata impost fuqu bis-sentenza tal-21 ta' Jannar 2004. F'din is-sentenza, huwa kien instab hati ta' serq ta' kurrent elettriku fl-ammont ta' LM410.65c2 a dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq kien aggravat bil-mezz u bil-valur, u ta' danni volontarji lill-meter tal-elettriku. Ghal fini ta' piena, il-Qorti se tikkunsidra t-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni ghaliex id-danni lil meter tal-elettriku serva bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ta' serq aggravat bil-mezz u l-valur tal-kurrent elettriku. Inoltre, mis-sentenza jirrizulta li l-imputat kien hallas LM250 bhala depozitu. Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ghandha tkun fil-minimu permessibbli skond il-ligi.

Inoltre, il-Qorti hija tal-opinjoni li ghandha tirrendi operattiva s-sentenza sospiza ta' sena habs moghtija bis-sentenza tat-18 t'Ottubru 2004.

Inoltre, in vista tal-fatt li din il-Qorti se timponi piena ghal ksur tal-ordni tal-liberta kondizzjonata kif ukoll se tirrendi operativa s-sentenza sospiza, din il-Qorti ma tarax li hu l-kaz li tuza d-diskrezzjoni taghha li zzid il-piena, ghax l-imputat instab hati ta' reat kontinwat taht l-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll ghax hu recidiv taht l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Peress li matul dawn is-snin li ilhom ghaddejjin dawn il-proceduri ma jirrizultax li nqalghu incidenti bejn l-imputat u Anthony Camilleri u/jew l-familjari tieghu, il-Qorti ma tarax li hu necessarju li torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu sabiex tipprovdi ghas-sigurta tieghu.

Fl-ahharnett, il-Qorti tixtieq tosserva li ghalkemm huwa vera li sfortunatament hemm trapass ta' zmien mhux negligibbli minn meta gew kommessi r-reati, kif gie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Massimo Galea**, deciza fis-27 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[35]:

*"F'kull kaz, kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, t-trapass taz-zmien m' ghandux iwassal biex tinghata sentenza inqas minn dik li suppost tinghata ghaliex inkella imputati li jirnexxilhom b' diversi modi jtawwlu l-proceduri kontra taghhom, jistghu jigu vantaggjati fuq ohrajn fejn il-process jigi konkjuz fi zmien iqsar. Dan ghax kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Nicola Farrugia et**" [2.10.2002]:-*

[35] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.

*"Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma . Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f'dan il-kaz u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra."*

Fil-kaz odjern, apparti li l-imputat jahti ghal parti minn dan id-dewmien, certament li l-imputat ma ddejjaqx ixellef dufrejgh mal-gustizzja fil-mori ta' dawn il-proceduri, u fil-fatt kellu hames kundanni minn dawn il-Qrati pendenti dawn il-proceduri.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 298C(1), 251B(1), 18, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-imputat, issib lill-imputat hati tal-ewwel tlett imputazzjonijiet dedotti kontrieh u tikkundannah il-piena ta' prigunerija ta' tmintax (18)-il xahar mil-lum kif ukoll multa ta' hmistax-il elf Euro (€15,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' erba' mija u ghoxrin Euro (€420.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarcja globali, kif hawn taht imsemmija, li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

In oltre, in vista tal-fatt li din il-Qorti sabet lill-imputat hati tar-raba' imputazzjoni, u cioe li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata tal-21 ta' Jannar 2004 maghmul mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, din il-Qorti qieghda, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tittratta mal-hati ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien tpogga taht tali ordni, daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull buon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, tirrevoka l-

ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata maghmul bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 278 u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-hati ghal perjodu ulterjuri ta' sena (1) prigunerija effettiva.

Il-Qorti tordna ulterjorment, ai termini tal-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-piena ta' prigunerija ta' sena sospiza ghal sentejn moghtija b'sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-18 ta' Ottubru 2004 tigi reza operattiva.

Konsegwentement il-hati ghandu jaghmel perjodu globali ta' tlett (3) snin u nofs prigunerija.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**